



# Knejjes kbar iddedikati lil San Pawl f'Malta u Għawdex

Il-ġrajja tan-Nawfraġju ta' San Pawl fi gżiritna fis-sena 60 wara Kristu kienet minn dejjem meqjusa minn missirijietna u mill-Knisja f'Malta bħala ġrajja l-aktar importanti u l-postijiet marbutin maż-żjara tiegħu kienu meqjusa bħala rkejjen qaddisa. Għalhekk ħsibt li din is-sena nġibu f'dawn il-paġni tagħrif dwar xi Knejjes kbar u anke parroċċi ddedikati lil San Pawl li għandna f'Malta u Għawdex u nagħtu ftit tagħrif dwarhom.

## Il-Kattidral tal-Imdina, iddedikat lill-Konverżjoni ta' San Pawl

Fl-Imdina, il-kapitali l-qadima ta' Malta, insibu l-Kattidral – is-sede tal-Arċisqof Djoċesan – iddedikat għall-konverżjoni ta' San Pawl. It-tradizzjoni tgħid li din il-knisja ewlenija tal-gżira Maltija twaqqfet fuq il-post fejn qabel kien hemm il-palazz tal-kapijiet tal-Gżira, fosthom Publius. L-eqdem tagħrif dwar l-Imdina jgħidilna li l-Kattidral kien minn dejjem iddedikat lil San Pawl.



Id-dokumentazzjoni l-iżjed qadima tasal sa tmiem is-seklu tnax, jew bidu tas-seklu tlettax. Fl-1693, il-Kattidral iġġarraf fl-akbar terremot li qatt kellna. Imbagħad inbena dak li għandna llum fi stil barokk taħt id-direzzjoni tal-arkitett Lorenzo Gafà bejn l-1697 u l-1702.

Il-kwadru titular jirrappreżenta l-Konverżjoni ta' San Pawl fit-triq ta' Damasku u huwa xogħol ta' Mattia Preti (1613-99) kif ukoll l-affresk tal-apside li juri n-nawfraġju tal-Appostlu. Ta' min jgħid, li għalkemm il-Kattidral hu ddedikat għall-konverżjoni ta' San Pawl, festa li tingħata importanza akbar hija dik tad-29 ta' Ġunju, meta l-Knisja universali tfakkar il-martirju tal-akbar fost l-Appostli: San Pietru u San Pawl.

Mill-Kattidral, nhar l-Imnarja, baqgħet toħroġ purċissjoni li tmur lejn San Pawl tar-Rabat, u fil-Kattidral l-Arċisqof jiċċelebra quddiesa solenni.



## Il-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl fir-Rabat



Din il-knisja nbniet maġenb il-grotta għażiża ta' San Pawl u hija wkoll imsemmija għalih.

Ix-xogħol tal-bini ta' din il-knisja nbeda fl-1653, iżda ftit tas-snin wara x-xogħol waqaf imbagħad reġa' tkompla fl-1664.
L-Isqof Balaguer, fil-Vista tiegħu tas-7 ta' Jannar 1666, jikkummenta li l-knisja, li jsejħilha *'manjifika'*, kienet prattikament lesta, bil-kappellun ta' San Anton mibni għal kollox. Iz-zuntier tlesta fis-sena 1679. U fis-sena ta' wara, jiġifieri fis-sena 1680, tlestew ukoll il-faċċata tal-Knisja tal-lum u ż-żewġt iġnub l-oħra, li jagħtu għal San Publiju u għaz-zuntier.

F'din il-Knisja tiġi ċċelebrata b'sollennità kbira l-festa tal-martirju ta' San Pawl, fl- ewwel Ħadd ta' Lulju. Il-kwadru titulari li tlesta fis-sena 1678 jirrappreżenta n-Nawfraġju ta' San Pawl, u huwa xogħol ta' Stefano Erardi. L-istatwa titulari ta' San Pawl – xogħol fl-injam, hija ta' Giovanni Caruana.

## Il-Knisja ta' San Pawl fil-Belt Valletta



Fil-Belt Valletta nsibu l-knisja parrokkjali ddedikata lin-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta.

Din il-knisja bdiet tinbena fl-1639. Minn dejjem kellha rabta kbira mal-Ordni ta' San Ġwann u mal-Isqfijiet ta' Malta.Ta' min jgħid li din il-knisja hija ġawhra artistika għax hija l-iżjed waħda għanja fil-gżejjer tagħna. Fost l-aqwa teżori hemm l-istatwa titulari li tirrappreżenta 'l San Pawl qed jippriedka; hija maħduma fl-injam u hija preġju ta' xogħol artistiku tal-Malti Melchior Gafà (c.1635-67). Din

serviet ta' prototip u mudell għall-iskulturi Maltin meta ġew biex jaħdmu statwi oħra ta' San Pawl. Fl-istess knisja hemm il-Kwadru titulari li jirrappreżenta n-Nawfraġju ta' San Pawl – xogħol ta' Matteo Perez d'Aleccio (1547-1628). Il-Festa tiġi ċċelebrata fl-10 ta' Frar b'sollennità kbira.

## Il-Knisja Parrokkjali tal-Konverżjoni ta' San Pawl - Safi



Parroċċa oħra, mill-iżjed ċkejknin ta' Malta, u ddedikata lill-Konverżjoni ta' San Pawl hija l-parroċċa ta' Ħal Safi.

Il-knisja li naraw illum bdiet tinbena fl-1727 fil-post fejn qabel l-1574 kien hemm knisja oħra wkoll iddedikata lil San Pawl. Il-bini tlesta fl-1740 u l-knisja kienet ikkonsagrata fl-1784 bit-titular imsemmi għall-Konverżjoni ta' San Pawl.

Il-kwadru ewlieni ta' din il-knisja juri l-Konverżjoni ta' San Pawl, xogħol ukoll ta' Stefano Erardi.

L-istatwa titulari, li żżanżnet fil-festa tal-1840, hi xogħol l-skultur Mastru Xandru Farrugia (1791-1871) miż-Żejtun.

Kappillan li baqa' jissemma għall-mod kif qajjem il-festa ta' San Pawl li ssir fir-raħal hu Dun Ġużepp Caruana, li laħaq kappillan fl-1725.

## Il-Knisja Arċipretali, Bażilka u Kolleġġata ta' San Pietru u San Pawl – Nadur, Għawdex

Fit-28 ta' April 1688, l-Isqof Davide Cocco Palmieri, b'digriet li sar f'għamla ta' kuntratt quddiem in-Nutar Giovanbattista Dorbes, qata' lin-Nadur mill-Matriċi tal-Assunta fir-Rabat Għawdex, u għamlu parroċċa għalih. It-territorju kien iħaddan fih terz ta' Għawdex.

L-ewwel Kappillan kien Dun Bernard Haber. Fit-22 ta' Settembru 1864 Mons.

Mikiel Franġisk Buttiġieġ, qassis min-Nadur, laħaq l-ewwel Isqof tad-Djoċesi l-ġdida ta' Għawdex.



Fid-19 ta' Diċembru 1894 din il-Knisja ngħatat il-ġieħ ta' Kolleġġata mill-Papa Ljun XIII bil-bolla *Sanctae Romanae Ecclesiae*.

Aktar qrib lejn żmienna, imbagħad, fis-26 ta' Ġunju 1967, il-Papa Pawlu VI ta lill-knisja tan-Nadur il-ġieħ ta' Bażilka Minuri.

Ma nistgħux f'nota qasira bħal din niddeskrivu l-ġmiel artistiku tat-tempju tan-Nadur. Ngħidu biss li dan hu monument sublimi mgħammar bl-aqwa u l-isbaħ xogħlijiet tal-arti, li jagħtu ġieħ liż-żewġ kolonni tal-Knisja ta' Kristu: Pietru u Pawlu.

Il-kwadru titulari juri fih lil dawn iż-żewġ appostli kbar tal-Knisja Universali sejrin għall-martirju u huwa skola ta' Mattia Preti. L-istatwa titulari li tikkonsisti f'żewġ figuri – San Pietru u San Pawl – inħadmet mill-kartapesta mid-ditta Franċiża ta' Marsilja: Galard et Fils; din turi ż-żewġ appostli weqfin bi ktieb f'idejhom: San Pietru bl-imfietaħ u San Pawl bis-sejf.



**Knisja Parrokkjali tan-Nawfragju ta' San Pawl - Munxar**

F'Għawdex ukoll hemm il-knisja parrokkjali tal-Munxar iddedikata lin-Nawfraġju ta' San Pawl.

Kien it-22 ta' Marzu 1916 meta fil-Munxar tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja fuq art mogħtija mill-aħwa Wenzu, Ġużepp u Marija Cassar, ta' Katalla.

Meta l-knisja tlestiet kienet iddedikata lin-Nawfraġju ta' Missierna San Pawl.
Il-kwadru titulari hu xogħol ta' Robert Caruana, filwaqt li l-istatwa hija xogħol ta' Wistin Camilleri (1885-1979).

Fit-12 ta' Diċembru 1957 Mons. Guliermu Pace, Kanċillier tal-Kurja, qara quddiem knisja miżgħuda d-digriet tal-Isqof Pace, li bih il-knisja ta' San Pawl saret parroċċa b'seħħ mill-15 tal-istess xahar. L-ewwel qassis li mexxa l-parroċċa kien Mons. Karm Xuereb, iżda l-ewwel kappillan kien Dun Alan Fenech li ħa l-pussess fit-8 ta' Marzu 1959.

**Il-Knisja tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Marsalforn – Għawdex**



Il-knisja ta' Marsalforn hija ddedikata lil San Pawl Nawfragu. Skont l-Atti tal-Appostli, il-bastiment li kien fuqu San Pawl kien inkalja Malta fi triqtu lejn Ruma. Madanakollu skont tradizzjoni u leġġenda, kien proprju minn Marsalforn li San Pawl salpa biex ikompli l-vjaġġ lejn Ruma.

Oriġinarjament il-knisja kienet mibnija fis-seklu erbatax iżda maż-żmien ġiet mibnija mill-ġdid u mkabbra diversi drabi. L-ewwel ġebla tal-knisja li naraw illum tqiegħdet fl-1730. Il-knisja preżenti kienet ikkonsagrata fit-12 ta' Settembru 1939. Għalkemm din il-Knisja hija ddedikata lil San Pawl Nawfragu, il-festa titolari hija dik tal-konverżjoni ta' San Pawl li ssir fil-25 ta' Jannar.

Ta' min jgħid ukoll, li din is-sena – is-sena 2009 – kienet xi ħaġa speċjali għal-komunità ta' Marsalforn fejn ġiet iċċelebrata bl-aktar sollennità l-festa tal-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina mnedija mill-Q.T. Papa Benedittu XVI f'Ġunju 2008. Fil-ġranet tal-Festa, saret ukoll Manifestazzjoni b'tema Pawlina 'Fidi-Arti-Kultura'. Din il-manifestazzjoni kienet inawgurata nhar il-Ġimgħa 23 ta' Jannar u ntemmet il-Ħadd 25 ta' Jannar 2009 – Jum il-Festa.



## Konklużjoni

Dawn il-Knejjes kbar u żgħar, imferrxin fl-ibliet u fil-kampanja Maltija, iddedikati lil dan il-qaddis kbir tal-Knisja Kattolika b'affreski, pitturi u statwi mill-isbaħ li nsibu fihom, u wkoll il-festi li niċċelebraw ad unur ta' dan il-kbir Appostlu tal-Ġnus f'diversi postijiet ta' Malta u Għawdex, huma l-akbar xhieda tal-kult tagħna l-Maltin lejn San Pawl.

Lil San Pawl, Alla bagħtulna fostna biex nagħrfuH, inħobbuH u naqduH u hekk ngħixu ta' wlied Alla li aħna u wara din il-ħajja mmorru nithennew biH għal dejjem. Għalhekk, fil-waqt li nirringrazzjaw lil Alla illi fiż-żerniq l-aktar bikri tal-Kristjaneżmu, għoxrin seklu ilu, missirijietna, bis-saħħa tal-miġja ta' San Pawl fuq xtutna, ngħataw id-don tal-fidi f'Alla, ejjew nieħdu l-okkażjoni tal-festa biex aħna nitħeġġu dejjem iżjed fil-fidi tagħna ħalli minkejja t-theddid għall-valuri Nsara u l-mentalitajiet u kulturi differenti li tant qed jaffettwawna fiż-żminijiet ta' llum, nibqgħu sodi f'dan it-twemmin u nagħtu xhieda tiegħu quddiem kulħadd. Żgur li dan ikun l-ikbar kult/qima li aħna llum nistgħu nagħtu lill-Appostlu Missierna San Pawl li nissilna fil-fidi Nisranija.

*Fr. Vince Fenech*

## Ċelebrazzjonijiet u Attivitajiet għax-xahar ta' Ottubru

| | |
|---|---|
| 4 ta' Ottubru | Festa tal-Madonna tar-Rużarju<br>Fil-5.00 pm Quddiesa kkonċelebrata u wara Purċissjoni |
| 10 ta' Ottubru | Għeluq il-225 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja tagħna |
| 11 ta' Ottubru | Liturġija tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja |
| 18 ta' Ottubru | Ġurnata Missjunarja |

***Il-Kappillan, Dun Karm Żammit u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali, jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd***